Il-Kunsill Malti għas-
SETTUR VOLONTARJU

# RAPPORT ANNWALI

2023

maltacvs.org

**Il-Kompożizzjoni tal-Kunsill**

Il-proċess tal-għażla tal-membri tal-bord tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju tlestiet fil-bidu tal-2023. Wara s-sejħa għan-nominazzjonijiet f'Novembru 2022, kemm għat-Taqsimiet A kif ukoll B skont l-Att dwar il-Volontarjat, il-proċessi, skont kull taqsima, ġew konklużi bl-eċċezzjoni għar-rappreżentant għal Għawdex, fejn ma kien hemm l-ebda nominazzjoni.

Taħt it-Taqsima A, b'referenza għall-erba' membri nominati mis-settur u maħtura mill-Ministru minn fost is-settur Volontarju, inħatru dawn il-membri:

(a) Membru li jirrappreżenta l-fundaturi u d-donaturi ta' organizzazzjonijiet volontarji - Is-Sinjura Doreen Borg Zammit - National Council of Women (VO/0020)
(b) Membru li jirrappreżenta l-membri ta' organizzazzjonijiet volontarji u voluntiera – Is-Sinjura Norma Camilleri - Association of Speech-Language Pathologists (VO/0301)
(c) Membru li jirrappreżenta l-amministraturi ta' organizzazzjonijiet volontarji - Is-Sinjura Laura Cunningham - Malta Sports Journalists Association (VO/1674)
(d) Membru li jirrappreżenta organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali – Is-Sur Edward Gruppetta - Malta Red Cross Society (VO/0086)

Taħt it-Taqsima B, b'referenza għas-sitt membri nominati u eletti mis-settur, inħatru dawn il-membri:

(a) Membru elett mis-Settur Soċjali u Umanitarju - Is-Sur Paul Sultana - The Maltese Association of the Members of the Sovereign Military Hospitaller Order of St. John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta (VO/1885)
(b) Membru elett mis-Settur tas-Saħħa u l-Bżonnijiet Speċjali - Is-Sinjura Gertrude Buttigieg - Malta Health Network (VO/0076)
(c) Membru elett mis-Settur tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport - Is-Sur Leslie Bonnici - The Scout Association of Malta (VO/0311)
(d) Membru elett mis-Settur Ambjentali u s-Settur tal-Benesseri tal-Annimali - Is-Sur Jorge Spiteri - Malta Youth in Agriculture Foundation (VO/0823)
(e) Membru elett mis-settur tal-Arti u l-Kultura - Is-Sur Paul Mifsud – Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda (VO/0055)

Fir-rigward tal-membru li jirrappreżenta lil Għawdex, wara t-tieni sejħa nħatar is-Sur Frank Muscat - Gozo NGOs Association (VO/0145).

Wara l-elezzjoni tal-Kunsill, f'laqgħa tal-Kunsill, is-Sinjura Gertrude Buttigieg Malta Health Network (VO/0076) intgħażlet bħala Chairperson u s-Sur Jorge Spiteri mill-Malta Youth in Agriculture Foundation (VO/0823) Deputy Chairperson.

**Il-Ħidma tal-Kunsill**

Is-Sitt Kunsill tal-MCVS iltaqa’ disa’ (9) darbiet matul l-2023. Matul din is-sena kien hemm kontinwazzjoni tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill fis-snin ta’ qabel, li kkonsolida l-proġetti u l-inizjattivi mibdija. Dan kien jinkludi diversi programmi, skemi, servizzi u attivitajiet bħall-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat.

**Servizzi mogħtija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**

Il-Kunsill kompla jaħdem fuq is-servizzi offruti lis-settur, jibni fuq, u jikkonsolida dawk mogħtija fis-snin ta' qabel. Il-Kunsill kompla jżomm aġġornati erba' 'web sites' ewlenin li jamministra li huma www.maltacvs.org, www.vofunding.org.mt, www.volunteers.mt u simplygiving.mt.

Is-sit www.maltacvs.org huwa s-sit ewlieni tal-Kunsill li jipprovdi l-aħħar informazzjoni kif ukoll servizzi oħra b'rabta mas-Settur tal-Volontarjat bħall-booking online taċ-Ċentri Volontarji.

It-tieni 'web portal' huwa www.volunteers.mt li ġie mniedi mill-ġdid fl-2023 sabiex jappoġġja individwi u għaqdiet biex jirreġistraw għal diversi servizzi, fosthom is-servizz "Voluntiera Malta", li hija l-pjattaforma nazzjonali ewlenija ta' volontarjat għall-impenn ċiviku biex tikkontribwixxi lejn il-promozzjoni u l-appoġġ tal-volontarjat f'Malta.

It-tielet 'web portal' huwa www.vofunding.org.mt li huwa portal ta' finanzjament one-stop-shop għal VOs li jiġbor flimkien il-fondi nazzjonali kollha mmirati għal Vos kif ukoll fondi oħra ġestiti minn operaturi ta' fondi lokali, li jipprovdi informazzjoni, applikazzjonijiet online kif kif ukoll il-ġestjoni tad-dejta dwar proġetti ta' finanzjament u l-benefiċjarji tagħhom. Fil-fatt, dan il-portal bħalissa qed jappoġġja sitt Ministeri/Entitajiet differenti u fuq għoxrin linja ta' finanzjament differenti.

Ir-raba' sit huwa dak www.simplygiving.mt li joffri lill-għaqdiet iċ-ċans li jagħmlu ġabriet ta' fondi online mill-pubbliku, b'sistema sempliċi ta' crowdfunding li tgħinhom finanzjarjament u tissimplifikalhom l-operat b'backend ċentrali mħaddem mill-Kunsill.

**volunteers.mt – portal one-stop-shop li jappoġġja voluntiera u organizzazzjonijiet volontarji**

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju għadu kif nieda portal ġdid, volunteers.mt, u issa huwa one-stop-shop għal opportunitajiet u appoġġ għal voluntiera u organizzazzjonijiet volontarji. Dan jirrifletti s-servizzi dejjem jiżdiedu mill-MCVS, inkluż firxa sħiħa ta' fondi, opportunitajiet ta' taħriġ u ħafna inizjattivi oħra ta' appoġġ.

Il-portal issa għandu żewġ taqsimiet ewlenin. L-ewwel waħda hija mmirata lejn voluntiera ta' kull età li qed ifittxu opportunitajiet kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, inkluż is-Servizz Volontarju għaż-Żgħażagħ, il-mobilità tal-UE u l-inizjattiva ta' suċċess Voluntiera Malta li ġiet integrata fil-portal il-ġdid. It-tieni taqsima, min-naħa l-oħra, tippermetti lill-Organizzazzjonijiet Volontarji rreġistrati jirreġistraw direttament fuq il-portal biex jirreklutaw voluntiera għall-attivitajiet tagħhom jew japplikaw bħala ospitanti, kemm lokalment kif ukoll permezz tal-programm barrani. Tim dedikat tal-MCVS jinsab wara s-servizzi pprovduti u se jkun qed jgħin lill-voluntiera u lill-organizzazzjonijiet volontarji kif xieraq.

**15-il sena mit-twaqqif tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**

Fl-okkażjoni tal-15-il sena mit-twaqqif tiegħu, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) f'Settembru 2023 nieda first-day cover u timbru kommemorattiv b'bolol speċjali li jagħtu ġieħ lix-xogħol tal-ħafna voluntiera u għaqdiet volontarji fis-soċjetà tagħna. Dawn il-bolol jiċċelebraw lid-diversi setturi differenti li fihom l-għaqdiet volontarji huma attivi, fosthom l-inklużjoni, l-arti, l-edukazzjoni u ambjent sostenibbli.

Il-first-day cover ġiet ipprezentata lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli f'attività fil-Palazz tal-Verdala, il-Buskett, wara preżentazzjoni mill-Maltapost lill-Kunsill, fil-Mużew Postali fil-Belt Valletta.

Il-Ministru Julia Farrugia Portelli spjegat kif, matul is-snin, il-gvern kompla jsaħħaħ is-settur tal-volontarjat f'pajjiżna b'investiment ta' madwar €14-il miljun u nofs f'fondi lill-għaqdiet volontarji. Fondi li ġew imsarrfa f'diversi proġetti u inizjattivi fil-komunitajiet tagħna. Stqarret li llum il-Kunsill jirrappreżenta 'l fuq minn 1860 għaqda volontarja rreġistrata. Il-Ministru temmet id-diskors tagħha b'ringrazzjament lill-membri kollha li servew f'dan il-Kunsill kif ukoll lil dawk il-voluntiera kollha li ta' kuljum jaħdmu għall-ġid tas-settur tal-volontarjat.

Gertrude Buttigieg, Chairperson tal-Kunsill, qalet li t-tema prinċipali li għażel il-Kunsill għall-okkażjoni tal-għeluq tal-15-il sena hija dik li jagħtu l-vuċi u viżibilità lis-settur tal-volontarjat. "Għal din il-first-day cover u anki fil-ħafna inizjattivi li qed norganizzaw, il-Kunsill qiegħed dejjem jara li jkompli jagħti aktar vuċi u aktar viżibilità li jixraq lil dan is-settur".

Min-naħa tiegħu, Mauro Pace Parascandalo, Kap Eżekuttiv tal-MCVS, qal, "Filwaqt li nħarsu lura lejn 15-il sena ta' xogħol li sar, speċjalment jekk naraw minn fejn bdejna u l-istorja sabiħa ta' dan il-Kunsill, inħarsu wkoll b'ħeġġa lejn il-futur li fih ser inkomplu nagħtu s-sapport tant meħtieġ sabiex l-għaqdiet u l-voluntiera jkollhom spalla fejn iserrħu waqt li jagħtu s-servizz tagħhom lis-soċjetà."

**Ċentri tal-Volontarjat f'Malta u Għawdex**

Bħala parti mill-impenn li jingħata appoġġ u spazju lill-għaqdiet volontarji f'Malta u Għawdex, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat kompla bis-servizzi tiegħu permezz ta' dawn iċ-ċentri li joffru kemm support kif ukoll spazju għall-għaqdiet volontarji. Fil-fatt iċ-Ċentri tal-Volontarjat iservu primarjament biex irawwmu u jiżviluppaw il-volontarjat fil-komunità kif ukoll jappoġġaw organizzazzjoni volontarja ta' daqs żgħir u medju fl-operat tagħhom.

**F'Birkirkara ġie inawgurat ċentru ġdid ta' għajnuna għall-għaqdiet volontarji**

Wara dawk tal-Belt Valletta u r-Rabat, f'Ġunju 2023 ġie inawgurat mill-MCVS ċentru ġdid f'Birkirkara, li beda jipprovdi appoġġ kontinwu lill-għaqdiet volontarji. Dan iċ-ċentru kompla jibni fuq u jikkonsolida servizzi u opportunitajiet li l-Kunsill ilu jipprovdi għal dawn l-aħħar snin. Dan bil-għan li jgħinu lill-għaqdiet volontarji, partikolarment dawk żgħar u medji li jiddependu minn din it-tip ta' għajnuna għall-operat tagħhom.

Dan iċ-ċentru pprovda one-stop-shop b'diversi faċilitajiet, fosthom informazzjoni dwar dak kollu disponibbli għall-voluntiera u l-għaqdiet volontarji mill-MCVS u entitajiet pubbliċi oħra li jappoġġjaw is-settur. Dan l-appoġġ inkluda kemm għajnuna fir-reġistrazzjonijiet varji u anki opportunitajiet ta' fondi u skemi. Dan iċ-ċentru pprovda wkoll żewġ kmamar fejn l-għaqdiet jistgħu jtellgħu laqgħat u attivitajiet oħra tagħhom.

**Skemi ta' Finanzjament**

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur ta kważi €1 miljun f'fondi lill-għaqdiet volontarji biex iwettqu 87 proġett

ġdid fil-komunità, bħala parti mill-Iskema tal-Proġetti tal-Organizzazzjonijiet Volontarji (VOPS) u l-iSmall Initiative Support Scheme (SIS).

Waqt iċ-ċerimonja annwali la saret fi Frar 2023, għaqdiet volontarji li jvarjaw minn setturi bħas-saħħa, mużika, sport, edukazzjoni, kultura u drittijiet ċivili kienu ppreżentati bl-għotjiet rispettivi tagħhom. Il-proġetti jvarjaw minn tisħiħ tal-inklużjoni għall-persuni b'diżabilità, għarfien dwar ambjent sostenibbli, u l-promozzjoni tal-arti u l-kultura fl-ibliet u l-irħula tagħna fost oħrajn.

L-għaqdiet volontarji kollha huma reġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex kienu eliġibbli għall-fondi.

L-għotjiet lill-għaqdiet volontarji ġew ippreżentati mill-Ministru Julia Farrugia Portelli, u Mauro Pace Parascandalo, Kap Eżekuttiv tal-MCVS fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Nancy Caruana, u Jesmond Saliba, Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji.

Il-Fond tas-Soċjetà Ċivili (CSF) kien fond ieħor immexxi mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li huwa impenjat li jipprovdi inċentivi finanzjarji biex jappoġġja l-involviment tas-CSOs f'attivitajiet ma' organizzazzjonijiet oħra mhux biss fuq livell lokali iżda wkoll fuq livell Ewropew bil-għan. li jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki, għarfien, u informazzjoni fost organizzazzjonijiet fuq livell lokali u internazzjonali. Is-CSF jappoġġa VOs b'baġit totali ta' madwar €170,000.

L-Iskema Volontarja taż-Żgħażagħ (YVS) hija inizjattiva oħra maħsuba biex tgħin liż-żgħażagħ itejbu l-ħiliet tagħhom u l-prospetti ta' impjieg billi tagħtihom l-opportunità li jibdew il-volontarjat bħala parti mill-proċess ta' tagħlim mhux formali u informali tagħhom filwaqt li tappoġġja lill-Organizzazzjonijiet Volontarji biex jattiraw liż-żgħażagħ lejn volontarjat. Din l-iskema tappoġġa wkoll liż-żgħażagħ biex jesperjenzaw il-volontarjat barra l-pajjiż, iżidu l-ħiliet taż-żgħażagħ permezz tal-esperjenza prattika tal-volontarjat barra l-pajjiż, it-tagħlim ta' lingwi oħra, l-iżvilupp tal-kapaċità li jinteraġixxu ma' persuni ta' lingwa u kultura differenti u t-tixrid tat-tolleranza fost iż-żgħażagħ.

Hemm ukoll skemi oħra, bħall-Youth Volunteer Engage Scheme u t-Training Initiative Scheme, intiżi sabiex ikomplu jagħtu għajnuna kemm lill-għaqdiet u anki sabiex joffru opportunitajiet ta' tagħlim u esperjenza fis-settur.

**L-Organizzazzjonijiet Volontarji eżentati minn tariffi amministrattivi relatati ma' kontijiet bankarji mal-BOV**

Fl-2023 l-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u l-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju kellhom diskussjonijiet mal-Bank of Valletta sabiex jitneħħew l-ispejjeż amministrattivi fuq kontijiet bankarji minn Organizzazzjonijiet Volontarji mal-istess bank.

Bl-intervent tal-Ministru għall-Inklużjoni, Organizzazzjonijiet Volontarji u Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, f'diskussjoni ma' uffiċjali mill-Bank of Valletta, ġie ċċarat li organizzazzjonijiet volontarji rreġistrati mal-Kummissarju jistgħu jikkomunikaw mal-fergħa tal-Bank tagħhom fejn jistgħu jipprovdu n-numru ta' reġistrazzjoni biex ikunu eżentati minn dan il-ħlas bħala parti mir-responsabbiltà soċjali tal-istess Bank.

**Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarji u Drittijiet tal-Konsumatur tiltaqa’ mal-Kunsill**

Wara l-konklużjoni tal-proċess tal-għażla għall-elezzjoni tal-membri tal-bord tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS), magħżul mill-membri tal-għaqdiet volontarji nfushom, u t-tħabbira tal-membri tal-bord, inħatar Kunsill ġdid għall-perjodu 2023-2025.

Waqt l-ewwel laqgħa tagħhom, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarji u Drittijiet tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli ppreżentat lill-membri tal-Kunsill bl-ittra ta’ ħatra għal terminu ta’ tliet snin. Għal-laqgħa kienu preżenti wkoll is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Nancy Caruana u l-Kap Eżekuttiv tal-MCVS Mauro Pace Parascandalo.

Filwaqt li l-Ministru Farrugia Portelli awgurat lill-membri tal-Kunsill il-ġdid, irrimarkat li għal din is-sena, il-gvern se jkun qed jinvesti €1.34 miljun fis-settur tal-volontarjat biex ikompli jkun imsaħħaħ bħala wieħed mill-pilastri soċjo-ekonomiċi ewlenin ta’ pajjiżna.

**Żjara mill-Kunsill lill-President tar-Repubblika**

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2023, il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju kellu l-unur, bħala r-rappreżentant Nazzjonali tas-Settur Volontarju, li jiġi milqugħ mill-Eċċellenza Tiegħu il-President tar-Repubblika ta' Malta, Dr. George Vella fil-Palazz ta' Sant' Anton.

Il-laqgħa inkludiet diskussjoni dwar l-espansjoni ta' dan is-settur f'Malta, li jinkludi firxa dejjem akbar ta' oqsma li jvarjaw minn sport, diżabilità, klabbs tal-banda, żgħażagħ u l-ambjent, fost oħrajn. Iż-żewġ partijiet qablu dwar l-importanza tan-netwerking u l-komplementarjetà bejn entitajiet differenti biex jimmassimizzaw l-għarfien u r-riżorsi disponibbli tagħhom.

**Laqgħa tal-MCVS mal-Prim Ministru u mal-Kap tal-Oppożizzjoni**

F’Ġunju 2023 il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju kellu laqgħa mal-Prim Ministru Robert Abela fil-Berġa ta’ Kastilja. Matul il-laqgħa, il-Prim Ministru ddefinixxa l-volontarjat bħala aspett sabiħ tas-soċjetà tagħna. Dr. Abela qal li s-settur volontarju jrid jibqa’ aġġornat maż-żminijiet u jirnexxi, filwaqt li rridu nkunu ta’ appoġġ billi nissimplifikaw il-proċessi għall-organizzazzjonijiet li jibbenefikaw minn fondi. Il-Prim Ministru nnota wkoll l-importanza tat-taħriġ għal nies li jagħtu l-ħin tagħhom għall-volontarjat.

F’Mejju 2023, il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju ltaqa’ wkoll mal-Kap tal-Oppożizzjoni u mal-Kelliem għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju.

**L-MCVS tingħaqad maż-Żjara Statali fir-Repubblika tal-Irlanda**

Bejn l-1 u t-3 ta' Marzu 2023, l-Eċċellenza Tiegħu l-President Dr George Vella għamel Żjara Statali fir-Repubblika tal-Irlanda akkumpanjat mill-Onor. Julia Farrugia Portelli, Ministru għall-Inklużjoni, Organizzazzjonijiet Volontarji u Drittijiet tal-Konsumatur. Is-Sur Mauro Pace Parascandalo, CEO tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS), ġie mistieden biex ikun parti mid-delegazzjoni għal din iż-żjara.

Il-fatt li uffiċjal tal-MCVS intalab jakkumpanja Żjara Statali mhux biss juri rikonoxximent qawwi mill-Istat tal-valur mogħti lill-volontarjat iżda jenfasizza wkoll il-kontribut li l-volontarjat jista' jagħti mhux biss fuq livell nazzjonali iżda wkoll fuq livell bilaterali u internazzjonali.

**L-MCVS tirċievi l-European Solidarity Corps Quality Label għal Malta biex tospita voluntiera Ewropej**

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS) irċieva European Solidarity Corps Quality Label mill-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA) bħala entità ewlenija u ospitanti għall-voluntiera Ewropej. Din il-European Solidarity Corps Quality Label tiċċertifika li organizzazzjoni li tieħu sehem fil-Korp tista’ tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex iż-żgħażagħ jieħdu sehem f’attivitajiet ta’ solidarjetà. Bħala l-entità inkarigata mill-appoġġ tas-settur volontarju f’Malta, l-MCVS dejjem stinkat biex tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-organizzazzjonijiet volontarji.

**Proġett CLIVE f’Malta**

L-MCVS fl-2023 laqgħet grupp ta’ 10 żgħażagħ minn madwar l-UE, li għamlu ġimagħtejn bħala parti mill-proġett CLIVE (Combatting Loneliness & Isolation with Volunteers in Europe) iffinanzjat mill-Programm tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà.

Dawn il-voluntiera kellhom programm mimli enerġija, u organizzaw u pparteċipaw f’għadd ta’ workshops ma’ anzjani relatati mal-użu tat-teknoloġija, pereżempju kif tordna l-grocerijiet online u kif tuża WhatsApp jew Skype, flimkien ma’ workshops tal-mużika u l-arti li fihom ppromwovew l-anzjanità attiva.

**L-MCVS jingħata l-Premju Anzjanità Attiva għall-proġett CLIVE**

Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju ngħata l-Premju għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija fl-Anzjanità Attiva 2023 waqt l-Active Ageing Awards 2023 organizzati minn Active Ageing and Community Care, liema avveniment kien taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta’ Malta Dr. George Vella.

Il-premju huwa maħsub għal inizjattivi li jgħinu lill-anzjani biex jagħlqu d-distakk diġitali, billi jitgħallmu kif jużaw u jifhmu b’kunfidenza t-teknoloġija l-ġdida u jgħin fl-iżvilupp tas-settur tal-innovazzjoni u t-teknoloġija għall-anzjani, li huma persuni li għandhom aktar minn 60 sena. Dan il-premju ngħata mill-MCVS għax-xogħol li sar permezz tal-proġett CLIVE - Combating Loneliness & Isolation with Volunteers in Europe.

**Inawgurata esibizzjoni fotografika li tiċċelebra l-volontarjat**

Fl-2023 il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat nieda esibizzjoni fotografika bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar is-settur u l-ħafna xogħol li jsir fil-qasam tal-volontarjat. Din l-esibizzjoni permanenti saret fiċ-Ċentru għall-Volontarjat fil-belt Valletta, fejn ir-ritratti sottomessi, li ġew magħżula wara sejħa, ġew u baqgħu esibiti fis-sala ewlenija taċ-ċentru.

Din l-esibizzjoni saret wara kompetizzjoni fotografika, li kienet tinkludi sejħa għal ritratti f’żewġ kategoriji, dawk bil-kulur u monokromi (bojod u suwed). It-tema magħżula kienet dik “Volunteering… Moving on! Capture the moment…!” fejn fotografi ġew imsejħa sabiex jiffukaw fuq individwi, gruppi, avvenimenti u dak kollu relatat mas-setturi kollha tal-volontarjat, bħal dawk soċjali, umanitarji, relatati

mal-ambjent, mal-ħarsien tal-annimali, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, l-isport, l-arti, l-kultura, s-saħħa u l-inklużjoni.

**Konkors dwar il-Vidjows tal-Volontarjat**

L-MCVS fis-sajf 2023 organizzat ukoll konkors li fih voluntiera ġew imħeġġa jibgħatu videos li jiċċelebraw il-volontarjat. Huma ġew imħeġġa jiffilmjaw lilhom infushom jitkellmu dwar l-esperjenza tagħhom, x'tgħallmu u kif ibbenefikat lis-soċjetà bix-xogħol tagħhom. Din kienet success hekk kif 20 video ġew magħżula bħala finalisti u ttellgħu fil-paġna ta' Facebook tal-MCVS, bl-iktar video li ġab 'likes' jirbaħ premju. B'hekk il-videos ġew ixxerjati fuq il-midja soċjali u sar riklam sabiħ għax-xogħol li jagħmlu ħafna voluntiera f'pajjiżna.

**Pubblikazzjonijiet**

Matul l-2023 l-MCVS ippublikat ħamsin (50) MCVS News Alert, pubblikazzjoni li toħroġ u tintbagħat kull nhar ta' Erbgħa b'ħala *mass mail email* b'informazzjoni, inizjattivi, fondi u taħriġ tal-MCVS għas-settur. B'dan il-mod l-informazzjoni tal-Kunsill ma tintilifx mal-bosta messaġġi oħra u tmur direttament għand l-għaqdiet, voluntiera u kull min hu interessat fis-settur. Il-pubblikazzjonijiet jinstabu wkoll fuq il-'website' tal-Kunsill fil-link: https://maltacvs.org/mcvs-newsletter-2/ fejn wieħed jista' wkoll jirreġistra sabiex jibda jirċievi l-pubblikazzjonijiet li jmiss.

**Parteċipazzjoni f'diversi attivitajiet u avvenimenti matul is-sena**

Fl-2023 l-MCVS ipparteċipa bi ħġaru b'diversi attivitajiet sabiex jippromwovi l-volontarjat u s-servizzi offruti mill-Kunsill. Dawn inkludew l-EXPO tas-Servizz Pubbliku f-Mejju 2023, il-Malta Trade Fair f'Ġunju u Lulju, il-Freshers' Weeks tal-Università u MCAST f'Ottubru, u n-Natalis Notabilis f'Diċembru. Apparti staff mill-MCVS kull fejn kien possibbli, l-għan kien ukoll li l-għaqdiet jingħataw spazju huma wkoll sabiex jippromwovu x-xogħol u s-servizzi tagħhom.

**Premjijiet Nazzjonali tal-Voluntiera 2023**

F'Ottubru 2023 l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ħabbar it-tnedija tal-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat. L-għan ta' din l-inizjattiva hi li tagħti rikonoxximent lil persuni u għaqdiet li jiddistingwu ruħhom fis-settur, fejn bil-kontribuzzjonijiet tagħhom jagħmlu soċjetà aħjar.

Il-premju, li ilu jsir mill-2011, huwa taħt il-patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta Dr George Vella, għandu l-għan li jirrikonoxxi l-ħidma ta' nies li qed jagħtu kontribut pożittiv lis-soċjetà u li huma ta' ispirazzjoni għall-oħrajn.

Din is-sena kien hemm ħames premjijiet li huma l-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat; Premju Żgħażagħ Voluntiera; Premju għall-Organizzazzjoni Volontarja; Premju għall-Kumpanija li tassisti Organizzazzjonijiet Volontarji; u premju ġdid sponsorjat mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-premju Victor Calvagna għat-Tfal fil-Volontarjat.

Ir-rebbieħa ta' dan il-premju tħabbru f'serata apposta fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Jum dedikat għall-Volontarjat mill-Ġnus Magħquda.

Ir-rebbieħa kienu:
Voluntier tas-Sena: **Noel Aquilina**, Malta Wheelchair Basketball Association
Voluntier Żagħżugħ/a tas-sena: **Marius Barbara**, Karibu! Malta
Organizzazzjoni Volontarja tas-sena: **Down Syndrome Association Malta**
Premju Victor Calvagna – tfal fil-volontarjat: **Jake Vella** nominat mill-Malta Sports Journalists Association
Premju Speċjali għal ħidma volontarja minn individwu fil-komunità: **Fr Hilary Tagliaferro**

**Mauro Pace Parascandalo**
**CEO**
**MCVS**